# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 225 – It-Tnejn, 27 ta' Settembru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6:30 p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippressieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsilliera is-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier Nicholas Cassar

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 224 ikunu approvati bħala dokument korrett u li l-punti li joħorġu minnhom ikunu diskussi fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PROĠETT TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU

Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina qal li kif kien maqbul fis-seduta preċedenti l-uniku punt fuq l-aġenda ta' din is-seduta huwa l-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi. Il-Viċi Sindku spjega li sabiex jiġu diskussi d-dettalji tal-proġett huwa kien talab lill-Periti inkarigati mill-istess proġett sabiex jattendu għal din is-seduta u jipprovdi kwalunkwe dettalji u spjegazzjonijiet li jkunu meħtieġa.

Il-Viċi Sindku kompla jispjega kif matul l-aħħar xhur li għaddew il-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku kien iltaqa' diversi drabi b'mod partikolari minn mindu l-Kunsill Lokali beda jopera mill-bini bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku spjega li t-twettiq tal-proġett ser jinqasam fi tliet fażijiet differenti u ċjoè:

1. Ir-restawr sħiħ tal-faċċata;
2. It-tqassim mill-ġdid tal-ispazji li ser jintużaw bħala uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali, il-Berġa tal-Gvern u l-uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, inkluż l-installazzjoni ta' *lift* fil-bitħa nterna; u
3. Il-bdil tal-bitħa nterna u numru ta' kmamar fi spazju mgħotti minn fejn ser jopera d-*Day Care Centre* għall-Anzjani.

Huwa spjega li dawn it-tliet fażijiet mhux neċessarjament ser ikunu qegħdin jitwettqu fażi wara l-oħra iżda l-ħsieb huwa li x-xogħol fuq kull fażi jibda hekk kif il-Kunsill ikun kiseb il-permessi meħtieġa fejn ikun il-każ.

F'dan l-istadju l-Viċi Sindku talab lill-Periti Felice, Said u Vassallo Cesareo sabiex jagħmlu preżentazzjoni tal-pjanti kif ippreparati minnhom b'enfasi partikolari fuq il-faċċata tal-proprjetà u l-partijiet tal-proprjetà ser jintużaw bħala uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali.

Il-Perit Edward Said spjega li qabel beda t-tfassil ta' pjan ta' restawr ġie studjat fid-dettal l-istat preżenti tal-faċċata kif ukoll kif kienet oriġinarjament il-faċċata. Il-Perit Said spjega li l-proċess kien jinvolvi wkoll l-użu ta' numru ta' ritratti antiki tal-proprjetà. Huwa spjega li abbażi ta' dan kollu ġie ppreparat *method statement* sabiex jiġi ppreżentat flimkien mal-applikazzjoni għar-restawr li għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Perit Said spjega fid-dettal il-kontenut tal-*method statement*. Il-Perit Said ippreżenta wkoll pjanta li turi l-istat preżenti tal-faċċata kif ukoll pjanta li turi r-restawr li qed jiġi propost li jsir.

Il-Perit Said spjega li l-*method statement* jinkludi dettalji dwar it-twaħħil mill-ġdid ta' gallarija tal-injam kif kienet lura fis-snin kif ukoll l-addattament tal-partijiet l-oħra tal-gallarija biex ikun jaqbel mal-bqija tal-bini li diġà huwa eżistenti fi Pjazza San Nikola. Huwa spjega wkoll li s-sular t'isfel tal-faċċata fil-preżent jinsab miksi b'materjal li wisq probabbli meta ġie mqiegħed saret ammont ta' ħsara lill-ġebla. Għaldaqstant huwa kien tal-parir li d-deċiżjoni dwar jekk fis-sular t'isfel tal-faċċata tinkixifx il-ġebla b'mod permanenti jew inkella terġax tiġi miksija b'materjal li jkun kompatibbli mal-

ġebla, tittieħed matul it-twettiq tax-xogħlijiet u abbażi ta' dak li jkun ġie stabbilit matul ix-xogħlijiet.

Il-Perit Said spjega li r-restawr tal-faċċata jinkludi l-għeluq taż-żewġ bibien li jinsabu fuq kull naħa tal-bieb prinċipali tal-Kunsill Lokali u minflok isir twieqi kif kienu oriġinarjament b'dan illi l-aċċess għal dawn iż-żewġ entitajiet jibda jsir minn żewġ bibien li ser jerġgħu jinfetħu mill-ġdid fuq ġewwa tal-bini.

Il-Viċi-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu diversi laqgħat ma' rappreżentanti tal-Korporazzjoni Enemalta u tal-kumpanija GO rigward id-diversi cables u apparat ieħor installat mal-faċċata jew inkella eżatti quddiem il-proprjetà. Huwa qal li ż-żewġ entitajiet ġew infurmati li fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill Lokali kien qed jippjana li jwettaq xogħlijiet ta' restawr u li għaldaqstant għandhom jitneħħew kwalunkwe *cables* u apparat ieħor.

Il-Viċi Sindku qal li jidher li jeżistu soluzzjonijiet sabiex jitneħħew b'mod permanenti l-imsemmija *cables* u apparat. Huwa nforma lill-Kunsill li dwar dan fil-ġimgħat li ġejjin il-Korporazzjoni Enemalta u l-kumpanija GO sejrin jippreżentaw il-proposti u l-istimi tal-ispejjeż. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-istess proċess għandu jsir ma' kull entità oħra li jirriżulta li għandha xi *cables* imwaħħla mal-faċċata jew li għandha xi apparat installat quddiem il-bini tal-Kunsill Lokali.

F'dan l-istadju l-Viċi Sindku talab lill-Perit Felice sabiex jagħti spjegazzjoni ta' kif qed jiġi propost li jitqassam il-bini tal-Kunsill b'mod partikolari l-ewwel sular. Il-Perit spjega li fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u d-Dipartiment tas-Saħħa bil-għan li t-tqassim tal-ispazju fis-sular t'isfel ikun jaqbel mas-servizzi offruti miż-żewġ entitajiet.

Il-Kunsilliera preżenti talbu numru ta' kjarifiki lill-Periti li da parti tagħhom ipprovdew kwalunkwe informazzjoni u spjegazzjoni mitluba.

Il-Viċi Sindku qal li l-Kumitat kien qed jippjana li sal-aħħar ta' Ottubru 2010 jiffinalizza l-pjanti kollha fir-rigward tal-parti tal-proprjetà li ser tintuża bħala *Day Care Centre* għall-Anzjani u li mbagħad jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill fl-ewwel opportunità.

F'dan l-istadju l-Viċi-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-pjanti u l-*method statement* li jirrigwardjaw ir-restawr tal-faċċata tal-proprjetà u t-twaqqigħ tal-istrutturi kollha li jinsabu fil-bitħa nterna, kif ukoll jinkariga lill-Periti tal-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-ksib tal-permessi ta' żvilupp meħtieġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Il-Kunsilliera t-Tabib Mark Vassallo u s-Sur Joe Sammut issekondaw u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fit-8:30pm u ppropona li s-Seduta ssir **nhar il-Ħamis, 14 t'Ottubru fil-5:30pm**. Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum il-Ħamis 14 t'Ottubru, 2010**